



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

13730/20

MAMA 181
MED 84
RL 3

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 13414/20

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libanu

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness it-test tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libanu kif approvati mill-Kunsill fis-7 ta' Diċembru 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libanu

1. L-UE tinnota bi tħassib dejjem akbar li l-kriżi finanzjarja, ekonomika, soċjali u politika gravi li rabbiet l-għeruq fil-Libanu baqgħet sejra għall-agħar dawn l-aħħar xhur. Il-poplu Libaniż huwa l-ewwel li qed ibati mid-diffikultajiet dejjem jiżdiedu tal-pajjiż. L-UE tappella lit-tmexxija politika tal-Libanu biex tagħti widen lin-nies meta jsemmgħu l-aspirazzjonijiet u t-tħassib tagħhom, biex tqis it-talbiet tagħhom bis-serjetà u tutilizza l-kontribut tagħhom, u biex timplimenta riformi mingħajr aktar dewmien.
2. Flimkien mal-pandemija tal-COVID-19, l-isplużjoni tal-4 ta' Awwissu 2020 fil-port ta' Bejrut aggravat l-isfidi numerużi li l-Libanu diġà kellu quddiemu. L-UE tagħti l-kondoljanzi l-aktar profondi tagħha lill-familji tal-ħafna vittmi u lil dawk li sfaw midruba f'din l-isplużjoni traġika. L-UE thegġegħ lill-awtoritajiet Libaniżi biex iwettqu l-impenn li hađu għal investigazzjoni imparzjali, kredibbli, trasparenti u indipendenti mingħajr aktar dewmien.
3. L-UE tilqa' l-mobilizzazzjoni rapida u sinifikanti tal-komunità internazzjonali b'appoġġ għall-poplu Libaniż wara l-isplużjoni tal-4 ta' Awwissu. F'dan ir-rigward, l-UE u l-istati membri tagħha taw l-għajnuna l-aktar sostanzjali rapidament. Barra minn hekk, b'mod konġunt mal-Bank Dinji u n-Nazzjonijiet Uniti, l-UE wettqet Valutazzjoni Rapida tal-Ħsara u tal-Bżonnijiet (RDNA).
4. L-UE tappoġġa lill-poplu Libaniż u ser tkompli tikseb riżultati li jsostnu rkupru ffukat fuq in-nies. Fid-dawl ta' dan, l-UE tilqa' l-konferenza b'appoġġ għall-poplu Libaniż organizzata min-Nazzjonijiet Uniti u minn Franza fit-2 ta' Diċembru, b'parteċipazzjoni wiesgħa tas-soċjetà ċivili u l-intrapriżi u tappella biex l-assistenza internazzjonali titwassal bl-akbar effiċjenza u trasparenza u l-għajnuna umanitarja tingħata b'mod ibbażat fuq il-prinċipji. L-UE tesprimi l-appoġġ tagħha għall-Qafas ta' Riforma, Rkupru u Rikostruzzjoni biex jinbena mill-ġdid Libanu aħjar iggwidat mill-prinċipji ta' trasparenza, inklużjoni u rfiġ tar-responsabbiltà.
- 5.a. Dan l-appoġġ għandu jwitti t-triq għal rkupru sostenibbli usa'. Lil hinn minn rkupru ċċentrat fuq in-nies, l-assistenza sostanzjali tal-UE għar-rikostruzzjoni ta' Libanu demokratiku, trasparenti, inklużiv u għani ser tkompli tiddependi minn progress tanġibbli fir-riformi meħtieġa.

b. Għalhekk l-UE tissottolinja l-ħtieġa urġenti li l-awtoritajiet Libaniżi jimplimentaw riformi sabiex terġa' tinbena l-fiduċja tal-komunità internazzjonali u jinħolqu l-kundizzjonijiet li jattiraw appoġġ mill-investituri. Tappella wkoll lill-awtoritajiet Libaniżi biex jimplimentaw l-impenji preċedenti tagħhom, inkluż dawk li saru fil-kuntest tal-konferenza CEDRE (2018), u li jgawdu l-appoġġ tal-Grupp Internazzjonali ta' Appoġġ (ISG) għal-Libanu u ta' membri oħra tal-komunità internazzjonali. L-UE tappella lill-awtoritajiet Libaniżi biex iwettqu b'urġenza r-riformi li jibnu fuq il-ftehimiet milħuqa wara l-isplużjoni tal-4 ta' Awwissu 2020 mill-mexxejja politiċi kollha tal-Libanu biex inaqqsu d-differenzi b'appoġġ għar-riformi.

c. Dan jinvolvi b'mod partikolari riformi ekonomiċi u ta' governanza sinifikattivi u profondi biex jirrestawraw l-istabbiltà ekonomika, itejbu l-għoti ta' servizzi pubbliċi, jindirizzaw il-livell dejjem jogħla tal-faqar, inaqqsu l-inugwaljanzi, jagħmlu l-finanzi pubbliċi sostenibbli, jirrestawraw il-kredibbiltà fis-settur finanzjarju, jiggarantixxu l-indipendenza tal-ġudikatura, jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt, jiġġieldu l-korruzzjoni u jilhqqu l-aspirazzjonijiet leġittimi espressi paċifikament mill-poplu Libaniż. L-UE lesta tappoġġa r-riformi iżda l-Libanu għandu jkun is-sid tal-proċess ta' riforma.

d. It-taħdidiet effettivi mal-Fond Monetarju Internazzjonali għandhom jerġgħu jibdew mill-aktar fis possibbli. Prijoritajiet ta' politika ewlenin, bħall-adozzjoni urġenti ta' liġi dwar il-kontroll tal-kapital, awditu forensiku rapidu u bir-reqqa tal-Banque du Liban (BDL) u miżuri biex tiġi żgurata l-istabbiltà tas-settur bankarju għandhom jiġu promulgati b'mod urġenti. Il-Libanu jrid jassumi t-tmexxija għall-prijoritizzazzjoni ta' miżuri ewlenin ta' governanza, fosthom ir-regolamentazzjoni kredibbli tas-settur tal-elettriku, l-istabbiliment ta' kummissjoni għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni, sistema adegwata tal-akkwist pubbliku u miżuri oħra li jiżguraw li jsiru bidliet konkreti u li jiggarantixxu t-trasparenza u l-irfiġh tar-responsabbiltà kollha lill-poplu Libaniż.

e. Il-proċess ta' riforma għandu jkun inklużiv u jinvolvi lin-nisa, liż-żgħażaġh, lis-soċjetà ċivili u lis-settur privat sabiex jerġa' jikseb il-fiduċja tal-poplu u għandu jiżgura li d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali jiġu rispettati.

f. L-UE qed tipprovdi appoġġ sinifikanti għall-komunitajiet l-aktar vulnerabbli fil-Libanu, inkluż appoġġ għal xbieki ta' sikurezza soċjali, matul dan il-mument ta' kriżi. Hija tappella lil-Libanu biex jiżgura li dawn l-isforzi straordinari jkunu sostenibbli u li d-drittijiet tal-bniedem jiġu protetti, u li għalhekk is-sistemi nazzjonali jissaħħu biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-popolazzjoni.

6. L-UE tkompli thegġegħ lill-gvern interim attwali biex jaġixxi malajr u b'mod deċiżiv fil-limiti kostituzzjonali tiegħu. Madankollu, programm appoġġat bis-sħiħ mill-Parlament li jinkludi impenji ta' riforma preċiżi, kredibbli u marbuta biż-żmien li jindirizzaw id-diffikultajiet tal-Libanu jista' jiġi implimentat bis-sħiħ biss minn gvern funzjonali. L-UE tappella lill-partijiet ikkonċernati u l-forzi politiċi Libaniżi kollha biex jappoġġaw il-formazzjoni urġenti fil-Libanu ta' gvern b'missjoni, kredibbli u li jerfa' r-responsabbiltà, li kapaċi jimplimenta r-riformi meħtieġa. L-UE tissottolinja wkoll il-ħtieġa li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni sinifikanti u effettiva tan-nisa u ż-żgħażaġh f'dawn il-proċessi kollha.

L-UE tissottolinja li s-soċjetà ċivili Libaniża għandha tkun kemm imsaħħa kif ukoll involuta bis-sħiħ fit-teħid tad-deċiżjonijiet rilevanti kollha. L-UE tenfasizza wkoll l-importanza tas-settur privat fir-rikostruzzjoni tal-Libanu.

7. L-UE tfaħħar l-isforzi enormi kontinwi magħmula mil-Libanu u mill-poplu Libaniż biex jospitaw 'il fuq minn miljun refuġjat mis-Sirja sa meta jasal iż-żmien li jintlaħqu l-kundizzjonijiet għar-ritorn sikur, volontarju u b'dinjità tagħhom f'konformità man-normi applikabbli tad-dritt internazzjonali u l-prinċipju ta' *non-refoulement*, skont konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill u kif iddikjarat mir-Rappreżentant Għoli f'isem l-UE fl-10 ta' Novembru 2020. L-UE qed twettaq bis-sħiħ, inkluż permezz tal-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'reazzjoni għall-kriżi Sirjana, l-impenji li ħadet fil-Konferenzi ta' Brussell "Nappoġġaw il-futur tas-Sirja u r-reġjun", inkluż ir-raba' edizzjoni, li saret fit-30 ta' Ġunju 2020. Barra minn hekk, l-UE tfaħħar lil-Libanu għall-appoġġ li ta lir-refuġjati Palestinjani, inkluż dawk li ħarbu mis-Sirja.

8. L-UE tilqa' t-tnedija tad-diskussjonijiet bejn il-Libanu u Iżrael dwar id-delineazzjoni tal-fruntiera marittima tagħhom li huma ffaċilitati mill-Istati Uniti u ospitati mill-UNSCOL fil-bini tal-UNIFIL, u thegġegħ lill-partijiet biex ineħħu l-ostakli u jagħmlu progress rapidu f'dan ir-rigward b'kont meħud tar-riperkussjonijiet pożittivi li ser ikollu eżitu b'suċċess għaż-żewġ partijiet u għall-paċi u l-istabbiltà fir-reġjun.

9. L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha għall-għaqda, is-sovranità, l-istabbiltà, l-indipendenza u l-integrità territorjali tal-Libanu. Ittenni l-importanza tal-impenn tal-Libanu għal politika ta' diżassoċjazzjoni mill-konflitti reġjonali kollha, f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Baabda.

10. L-UE tisħaq ukoll fuq l-importanza tal-impenn kontinwu tal-Libanu għall-implimentazzjoni sħiħa tal-obbligi internazzjonali tiegħu, fosthom ir-Risoluzzjonijiet 1559, 1680, 1701 u 1757 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. L-UE tfaħħar ir-rwol tal-Forzi Armati Libani u tal-UNIFIL fiż-żamma tal-paċi u tal-istabbiltà fin-Nofsinhar tal-Libanu. L-UE tissottolinja l-importanza tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet operazzjonali tal-Forzi Armati Libani, u ta' istituzzjonijiet oħra tas-sigurtà tal-istat u tal-ġustizzja, bħala l-uniċi fornituri ta' stabbiltà, ordni u sigurtà fil-pajjiż filwaqt li jirrispettaw id-dritt internazzjonali u d-dritt dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-UE tkompli tappoġġa l-ħidma tal-Koordinatur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti għal-Libanu, Ján Kubiš.
